MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 2294/1996/1

**John Parnis England**

**vs**

**C & B International Ltd.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. L-attur appellant kien talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex tapplika r-rimedji kkontemplati mill-Artikoli 836(8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-kumpanija

appellata ottjeniet l-hrug ta' mandat ta' sekwestru (esebit bhala Dok. A mac-citazzjoni) ghas-somma ta' ghoxrin elf disa' mija u tmienja u sebghin lira u sittin centezmu (Lm20,978.60) kontra l-kumpanija Universal Plastics Limited u l-appellant.

2. B'sentenza tat-30 ta' Gunju 1999, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata bl-ispejjez kontra l-appellant (allura l-attur).

3. L-attur appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni u minnha interpona appell quddiem din il-Qorti.

L-aggravju ta' l-appellant, wara li jirreferi ghan-nota ta' osservazzjonijiet li kien issottometta quddiem l-ewwel Qorti, huwa msejjes fuq il-fatt li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq ragunament li skond hu mhux applikabbli ghall-kaz. L-ewwel Qorti ggustifikat l-hrug ta' mandat kawtelatorju fuq ir-rizultat tal-mandat wara li gie pprezentat, waqt li l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti kellha tezamina c-cirkostanzi qabel il-hrug tal-mandat u mhux wara.

Illi fil-qosor, l-appellant ibbaza t-talbiet tieghu fuq zewg premessi kif hemm stabbilit fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12, jigifieri,
i) Jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jghatux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrenti, u din il-qaghda tad-debitur **kienet maghrufa sew**;

ii) Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja.

F'kaz li jigu ppruvati dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrenti jhallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef lira (Lm3,000).

4. Dwar il-fatti tal-kaz l-appellant jissottometti dan li gej:

(i) Il-Kreditu Pretiz.

Il-kreditu pretiz mill-appellata li gie ammess mill-kumpanija Universal Plastics Limited imma kkontestat mill-appellant jikkonsisti f'valur ta' materja prima pprovduta lill-Universal Plastics Limited. Illi fis-27 ta' April 1992 l-appellant kien iggarantixxa l-pagament ta' konsenji maghmulin lill-Universal Plastics Limited li jsiru wara dik id-data. L-appellant hallas dawn il-konsenji kollha u hlief ghal tlett pagamenti dejjem ikkwalifika l-pagament fis-sens li mal-pagament indika li kien qed ihallas dawn il-konsenji specifici. Din il-fakolta` taghtiha l-ligi skond l-Artikolu 1168(1) tal-Kodici Civili kif ukoll l-Artikolu 1171(d) li jipprovdi li l-kumpanija appellata kellha tappropja l-hlas ghall-dejn ggarantit b'garanzija solidali qabel dejn iehor. Il-kumpanija appellata giet infurmata b'din is-sitwazzjoni ferm qabel kwalunkwe proceduri pero` minflok ma accettatx il-pagament kkwalifikat, accettatu u allokatu ghall-krediti precedenti ghall-ftehim. (Dokument C esebit mac-citazzjoni). L-ewwel Qorti giet infurmata li l-kawza dwar il-pretenSjoni tal-kumpanija appellata tinsab matura u ddifferita ghas-sentenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili diversament preseduta (Cit. 1744/96/FGC).

(ii) Il-konoxxenza o' meno tal-likwidita` ta' l-appellant qabel ma nhareg il-mandat.

Il-mandat kawtelatorju huwa ntiz sabiex iqieghed "fiz-zgur il-jeddijiet tieghu" Artikolu 829 tal-Kap. 12.

Illi bir-rispett gie ampjament ppruvat f'din il-kawza li mhux talli ma kienx hemm dubbju li l-appellant kien f'qaghda finanzjarja li jonora d-debitu tieghu imma dan kien jafu d-direttur manigerjali tal-kumpanija appellata. Dan, qabel xejn johrog car u manifest mill-iskrittura tas-27 ta' April 1992 fejn ex admissis l-kumpanija appellata mhux talli kkonfermat l-integrita` finanzjarja ta' l-appellant imma talbitu joqghod garanti ghaliex kellha fiducja fl-integrita` finanzjarja ta' l-appellant.

Illi huwa wkoll pacifiku li l-kumpanija appellata kienet ilha tinnegozja ma’ kumpaniji ta’ l-appellant ghal diversi snin u kienet taf ezattament l-istat finanzjarju personali tieghu.

Illi din il-Qorti zgur tapprezza li l-fatt li l-pretensjonijiet tal-kumpanija appellata huma kkontestati ma jghatux id-dritt bla limitazzjoni li jinhargu mandati kawtelatorji meta huwa ben not li l-appellant ghandu mezzi biex jonora l-obbligazzjonijiet tieghu.

Is-sitwazzjoni finanzjarja ta’ l-appellant giet ikkonfermata kemm minn Michael Rossi li esebixxa prospett li juri l-valur ta’ l-assi tieghu u kemm minn George Pace ex-senior manger mal-Mid-Med Bank p.l.c.

Id-deposizzjoni ta’ Anthony Camilleri turi li l-mandat ta’ sekwestru gie pprezentat kontra l-appellant ghar-raguni segwenti;

“Meta hrigt is-sekwestru biex nikkawtela l-ammont u dan ghamiltu billi s-sur Parnis England qalli li jekk jien nidhol il-Qorti kien se jillikwida l-kumpanija.”

Mela hawn johrog bic-car li l-mandat inhareg b’forma ta’ rejazzjoni ghal dak li allegatament qal l-appellant lil Anthony Camilleri u mhux sabiex jikkawtela l-kreditu tieghu! Semmai l-hrug tal-mandat kien gustifikat fil-konfront tal-kumpanija u mhux ta’ l-appellant. Huwa wkoll sinfikanti l-fatt li l-kumpanija appellata kienet ilha taf, fil-kamp kummercjali, lill-appellant ’l fuq minn ghaxar snin.

L-allegat biza’ tas-sur Camilleri hija totalment kontradetta kemm mill-provi pprezentati u kemm mill-fatt li huwa stess ibbaza r-relazzjonijiet kuntrattwali tieghu fuq il-premessa li l-appellant jidhol garanti ma’ l-istess kumpanija. Jekk allura kien jemmen fl-integrita` u kapacita` finanzjarja mal-firma tal-ftehim imsemmi kif jista’ wara ftit zmien (erba’ snin) jaqleb totalment dak li huwa stess insista fuqu?

Il-legislatur kellu proprju sitwazzjoni bhal din meta ghaddew l-emendi fil-Kap. 12 ta’ l-1995 u dana sabiex ma

jigux pprezentati mandati kawtelatorji meta ma jezistux l-elementi guridici li jiggustifikawhom.

Id-danni reklamati mill-appellant jikkonsistu biss fuq l-imghax kummercjali fuq is-somma mitluba mill-kumpanija appellata mid-data tal-garanzija bankarja sa dakinhar tas-sentenza.

Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

“Dwar il-qaghda finanzjarja ta’ l-attur mill-provi jirrizulta li l-konvenuti (sic) kienu gustifikati li johorgu l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju imsemmi kontra John Parnis England *stante li wara verifika fil-banek lokali l-attur personalment ma kellux flus fil-banek lokali.*”

Illi bir-rispett dan huwa ragunament irrelevanti ghall-kaz odjern u dana peress li wiehed irid jezamina l-intenzjoni u l-hsieb ta’ min qed jipprezenta l-mandat fil-mument tal-prezentata u mhux wara. Jigi sottomess li l-qaghda finanzjarja ta’ l-appellant hija maghrufa fil-kamp kummercjali Malta u dejjem onora l-obbligi kummercjali tieghu. Ghal darb’ohra, l-appellant a skans ta’ repetizzjoni jissottometti li kienet propju l-appellata li nsistiet li l-appellant kellu jkun garanti ghall-hlas ta’ konsenji lill-kumpanija li fiha kellu ishma. Kif allura tista’ f’nifs wiehed tirrikonoxxi l-posizzjoni finanzjarja u wara ftit snin ghaliex kreditu jigi kkontestat, f’daqqa wahda jigi deciz li l-posizzjoni finanzjarja nbidlet.

Illi s-sentenza appellata taghti lok ghall-interpretazzjoni perikoluza li kull min ghandu pretensjoni ta’ kreditu ghandu dritt sagrosant li jipprezenta atti kawtelatorji.

Illi l-appellant huwa wkoll sorpriz bl-ahhar konsiderazzjoni tal-Qorti li tifforma mertu ta’ kawza ohra fl-ismijiet inversi u differita ghas-sentenza (Cit. Nru. 1744/96/FGC). Illi brevement il-fatti li taw lok ghall-kawzi bejn il-partijiet gew spjegati fil-bidu tan-nota u mhumiex kif riprodotti fl-ahhar paragrafu tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata.

Illi qeghdha ssir referenza ukoll ghad-decizzjoni tat-28 ta' Mejju 1999, tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet, Rikors Numru 1698/96, fejn l-appellant talab, ai termini ta' l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 16, li jigi rexxis l-mandat li ta lok ghal dawn il-proceduri stante li l-mandat ma kienx prima facie gustifikat.

Il-Prim Awla f'dik il-kawza fuq l-istess provi li gew pprezentati f'din il-vertenza, laqghet it-talbiet ta' l-appellant u l-mandat gie rexxis!

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tilqa' l-appell u l-thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa', t-talbiet tieghu u tichad l-eccezzjonijiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' C & B INTERNATIONAL LIMITED</u>**

5. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk.

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Illi bil-hrug tal-mandat ta' sekwestru kontra John Parnis England irrizulta mill-atti processwali wara li s-socjeta` intimata talbet lill-Banek biex jiddepositaw kwalsiasi depoziti sa l-ammont mitlub fil-mandat fir-registru ta' din il-Qorti rrizulta li fil-banek lokali u cioe` Mid-Med Bank plc, Bank of Valletta plc, APS Bank Ltd. u Lombard Bank (Malta) Ltd. l-imsemmi John Parnis England ma kellux lanqas centezmu wiehed depozitat ma' dawn il-banek.

Illi s-sodezza o meno tal-likwidita` ta' John Parnis England jafha hu biss ghax minn dak li jirrizulta mill-istituzzjonijiet finanzjarji lokali huwa m'ghandux centezmu ddepositat f'ismu fil-fatt il-garanzija ghall-hrug tad-depozitu maghmul fir-registru ta' dan il-Qorti gie ggarantit minn assi ta' xi socjeta` tieghu.

Illi John Parnis England huwa negozjant u jiggestixxi diversi negozji pero` sfortunatament kif kultant jigri dawn in-negozji jistghu jmorru f'banka rotta jew b'mod frawdolenti jew minhabba n-natura tal-kors tan-negozju.

Illi fil-kaz in ezami kumpanija ta' John Parnis England u cioe` Universal Plastics Limited giet likwidata u ma tistax tonora d-debiti minnha assunti u dan kif gie kkonfermat mill-istralcjarju ta' l-istess socjeta` u cioe s-Sur Albert E. Vella.

Illi interessanti li wiehed jinnota illi din il-likwidazzjoni giet introdotta wara li l-intimat talab citazzjoni l-kundanna ghall-hlas ta' wiehed u ghoxrin elf lira (Lm21,000) li kienu garantiti solidalment minn John Parnis England.

Illi l-imsemmi John Parnis England fil-vesti tieghu ta' direttur tas-socjeta` Universal Plastics Limited ma ddejjaqx li huwa jitfa' din is-socjeta` f'likwidazzjoni biex ma tonorax id-debiti taghha, accettati u kkonfermati minnu stess f'dawn il-Qrati pero` qed jipprova jiskappa l-gudizzju ta' din il-Qorti billi jittenta jizloq mill-obbligi finanzjarji tieghu bhala garanti ta' l-istess socjeta`.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kien arcikorrett l-appellat li jitlob il-hrug tal-mandat kontra l-garanti meta fir-retroxena ta' kull ma gara l-imsemmi John Parnis England kien qed jittenta li jiskappa mill-obbligi tieghu ghall-hlas tad-debitu tas-socjeta` Universal Plastics Limited kif garantit minnu.

Illi kif jirrizulta mid-dokumenti pprezentati fl-atti l-imsemmi John Parnis England iwieghed lis-socjeta` intimata li huwa ser ihallas id-debitu tieghu wara xi bejgh ta' xi makkinarju, haga li m'ghamilx sal-gurnata tal-lum imma anzi tefa' s-socjeta` f'likwidazzjoni.

Ghaldaqstant l-appellat jitlob il-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Din il-kawza hija intimament konnessa ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi, bid-differenza pero` li fil-kawza l-ohra (Citazzjoni numru 1744/96, Prim Awla tal-Qorti Civili) kien hemm ukoll bhala parti konvenuta s-socjeta` Universal Plastics Limited. Din it-tieni kawza, kemm fl-ewwel

istanza kif ukoll quddiem din il-Qorti, giet ittrattata flimkien mal-kawza in ezami.

7. Irrizulta li fil-kawza l-ohra surreferita s-socjeta` appellata harrket kemm lis-socjeta` Universal Plastics Limited u lill-appellant John Parnis England personalment bhala garanti solidali ta’ l-istess socjeta` ghall-hlas tas-somma ta’ Lm20,978.60c in konnessjoni ma’ pretensjoni kontrihom dwar bejgh ta’ merkanzija. In kawtela ta’ din il-pretensjoni u fil-mori tal-vertenza, is-socjeta` appellata otteniet il-hrug ta’ mandat kawtelatorju kontra John Parnis England proprio. L-appellant irreagixxa ghal dan billi intavola kawza kontra din is-socjeta` a bazi ta’ l-Artikolu 836 subincizi (8) u (9) tal-Kap. 12 u dan wara li ppremetta li l-kapacita` finanzjarja ta’ l-appellant kienet wahda soda, u li dan kien maghruf mill-kontroparti, li l-hrug tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kien gie bbazat fuq premessa “malizzjuza, frivola u vessatorja” u kienu kwindi jonqsu dawk l-elementi guridici li jiggustifikaw il-hrug ta’ l-imsemmi mandat. L-appellant talab li s-socjeta` appellata tigi kkundannata li thallas penali u taghmel tajjeb ghad-danni kagjonati. L-ewwel Qorti cahdet dawn it-talbiet ta’ l-attur.

8. L-aggravju ta’ l-appellant hu li l-ewwel Qorti ibbazat ruhha fuq “ragunament li mhux applikabbli ghall-kaz” billi hija strahet fuq cirkostanzi li jirreferu ghal zmien ta’ <u>wara</u> l-hrug tal-mandat, mentri l-ewwel Qorti kien messha bbazat ruhha fuq cirkostanzi prevalenti <u>qabel</u> il-hrug tal-mandat. L-appellant isostni li l-kreditu pretiz, oltre li kien gie ggarantit mill-appellant personalment, gie ammess mis-socjeta` debitrici. Oltre dan, is-socjeta` appellata kienet taf li l-appellant kellu mezzi finanzjarji bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tal-kontroparti. Mandat kawtelatorju – ara l-Artikolu 829 tal-Kap. 12 – huwa intiz biex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur, u dawn il-jeddijiet gia` kienu kkawtelati sufficjentement bla htiega ta’ mandati kawtelatorji. L-appellant jaghmel ukoll riferenzi ghad-deposizzjonijiet moghtijin minn Michael Rossi, George Pace u Anthony Camilleri quddiem l-ewwel Qorti.

9. Din il-Qorti qieset dawn l-aggravji fid-dawl tal-provi akkwiziti, tas-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u hija tal-fehma li l-imsemmija aggravji m'humiex fondati u dan ghall-konsiderazzjonijiet li gejjin. Fl-ewwel lok tajjeb li jigi osservat li meta originarjament is-socjeta` C & B International Ltd. agixxiet kontra s-socjeta` Universal Plastics Limited u kontra l-appellant bhala garanti solidali b'citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Mejju 1996, is-socjeta` konvenuta ma qabditx u ammettiet mill-ewwel il-kreditu reklamat mis-socjeta` attrici. Ghall-kuntrarju, din fil-bidu eccepiet il-preskrizzjoni u kien fl-24 ta' Gunju 1996, jigifieri xahar wara li bdiet tinstema' l-kawza li giet inserita nota ta' ammissjoni. Huwa minnu li, in segwitu, l-ewwel Qorti spiccat biex cahdet it-talba attrici in kwantu din giet diretta kontra l-appellant odjern, liema decizjoni giet ukoll ikkonfermata b'sentenza ta' din il-Qorti moghtija llum stess, imma ma jirrizultax b'daqshekk li c-cirkostanzi kienu tant ovvji li jirrazentew l-frivolu jew il-vessatorju. Fi kliem iehor, ghalkemm finalment is-socjeta` appellata nstabet li ma kellhiex ragun li tharrek lill-appellant, dan kollu sehh wara skrutinju kemm tal-kontenut ta' l-iskrittura privata ffirmata bejn is-socjeta` appellata u l-appellant bhala garanti, kif ukoll tal-pagamenti akkont versati sa dakinhar mill-appellant lis-socjeta` appellata. U dan kollu sar fi sfond fejn, minkejja li s-socjeta` Universal Plastics Limited kienet ilha tinnegozja mas-socjeta` appellata, irrizulta li din is-socjeta` sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji gravi li fl-ewwel lok giet reza necessarja l-intromissjoni ta' l-appellant bhala garanti solidali ghall-krediti futuri u, eventwalment, l-istess socjeta` giet likwidata bin-nomina ta' stralcjarju. Huwa fatt ukoll li meta saret ricerka fil-banek lokali fuq l-assi personali ta' l-appellant ma nstabux assi ta' riljev u dan il-fatt ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti. Issa persuna fin-negozju hafna drabi ccaqlaq kapital skond l-esigenzi immedjati tan-negozju imma hadd ma jlum kreditur potenzjali milli jikkawtela l-posizzjoni tieghu preventivament. Is-socjeta` appellata ma jidhirx li riedet tivvessa lil xi hadd kapriccjozament. Ghal kuntrarju, jidher li din riedet tassigura li l-jeddijiet taghha jkunu accertati qabel ikun tard wisq. Anthony Camilleri, rapprezentant tas-socjeta` appellata, xehed li hu

ipprova kemm-il darba jasal f'xi kompromess mal-kontroparti qabel ma pproceda gudizzjarjament kontra l-appellant u kontra s-socjeta` Universal Plastics Limited. Anthony Camilleri xehed li f'certu stadju l-appellant qallu li jekk is-socjeta` appellata kienet ser tidhol il-Qorti hu kien ser jillikwida l-kumpanija. F'cirkostanzi bhal dawn, l-otteniment ta' mandat kawtelatorju akkoppjat mal-prezentata ta' citazzjoni ma jindikax li kien hemm xi agir malizzjuz min-naha tas-socjeta` appellata. Il-motivazzjonijiet moghtija mill-ewwel Qorti biex jiggustifikaw id-decizjoni taghha huma bbazati fuq konsiderazzjonijiet validi hafna, u cioe`

(i) li fil-mument li saret verifika fil-banek lokali, l-attur proprio ma kellux flus iddepozitati;

(ii) il-garanzija moghtija mill-appellant biex jinhareg kontromandat ma kenitx relatata ma' l-assi ta' xi wahda mill-kumpanniji kummercjali li maghhom kien imsieheb l-appellant, imma l-kontromandat inhareg fuq garanzija bankarja;

(iii) is-socjeta` appellata fl-istadju tat-talba ghall-hrug tal-mandat ma kellhiex il-mezz biex tkun taf x'kienu l-assi ta' l-appellant fil-banek, billi tali informazzjoni hi ta' natura kunfidenzjali ghal terzi;

(iv) is-socjeta` Universal Plastics Limited, li taghha kien azzjonista l-appellant, waqghet moruza fil-hlasijiet dovuti lis-socjeta` appellata u spiccat biex ammettiet it-talba.

Kollox maghdud, ghalhekk, ma jirrizultax li l-aggravji ta' l-appellant huma fondati;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------